MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2011

Numru. 1029/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**Matthew Ellul ta’ 22 sena, mwieled il-Piet` nhar l-24 ta’ Dicembru 1988 bin Stephen u l-mejta Rose nee` Gelanze u residenti No. 28, ‘Hyacinth’, Triq il-Witja, Tarxien u detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` bi numru 0014889(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghha huwa gie akkuzat:

Talli nhar it-tlieta (03) ta’ Settembru 2011 ghall- habta ta’ l-erbgha ta’ filghodu (04.00hrs), f’San Giljan:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe PS430 Andrew St. John, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;
2. Ikkaguna griehi volontrji ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John;

3. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzaw kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe` fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John;

4. U aktar talli ma obdiex l-ordinjiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija hawn fuq;

5. U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tieghu konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacih ta' li ghamel;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 338(ee), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv t a’ din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-senteza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------